## PARROĊĊA SAN PIETRU U SAN PAWL - DĦUL U ĦRUĠ 2024

| | DĦUL | ĦRUĠ |
|---|---|---|
| | € | € |
| Ġbir fil-knisja (ferta) | 53,853.58 | |
| Niċeċ | 3,340.32 | |
| Donazzjonijiet | 124,503.14 | |
| Church & Lay Dues | 5,964.00 | |
| Bejgħ ta' Oqbra | 62,500.00 | |
| Festa San Pietru u San Pawl | 16,547.56 | |
| Festi San Koronatu, Ġimgħa Kbira u Kwaranturi | 8,512.51 | |
| Karità Parrokkjali | 4,671.85 | |
| Dħul minn bejgħ ta' kotba | 350.00 | |
| Liturġija u Evanġelizzazzjoni | | 12,835.98 |
| Dawl/ilma/telefon/TV | | 11,468.74 |
| Manutenzjoni u Restawr | | 93,093.68 |
| Stationery/Printing | | 3,654.13 |
| Remunerazzjonijiet | | 47,664.74 |
| Bullettin u materjal stampat | | 14,627.07 |
| Taxxi (provizorja/oqbra) | | 5,344.60 |
| Festa San Pietru u San Pawl | | 22,170.38 |
| Festi San Koronatu, Ġimgħa Kbira u Kwaranturi | | 9,790.10 |
| Ħruġ ieħor | | 23,046.42 |
| Karità - Ġbir Missjoni, Obolo eċċ. | | 26,980.32 |
| Kurja | | 15,032.67 |
| **TOTAL** | **280,242.96** | **285,708.83** |
| **Żbilanċ** | | **-5,465.87** |

### Festa f'San Blas

Dan il-Ħadd ser niċċelebraw il-Festa ta' San Blas fir-raħal tagħna. Fl-10.00am jitlaq marċ mill-Banda Mnarja fi Triq San Blas minn fejn tibda Triq Wied ir-Riħan. Fl-10.30am tiġi ċċelebrata Quddiesa u wara jkun hemm ir-rit tat-tberik bix-xemgħat u t-tberik tal-annimali.

### Ċelebrazzjoni tal-Ewwel Qrara

It-tfal li f'Mejju li ġej ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina, ser jagħmlu l-Ewwel Qrara tagħhom nhar **il-Ħamis 20 ta' Frar**, waqt ċelebrazzjoni speċjali li ser issir apposta għalihom mibnija fuq il-parabbola tal-Iben il-Ħali. It-tfal għalhekk ser jiltaqgħu għall-katekeżi fil-Museum tal-Bniet fl-4.00pm u jinġabru mill-knisja fis-6.30pm hekk kif tispiċċa ċ-ċelebrazzjoni tal-qrar. (*Għal din ir-raġuni minflok l-adorazzjoni komunitarja tal-Ħamis, bejn il-quddies tal-5pm u tas-6.30pm, ser ikun hemm biss il-possibilità ta' ħin għat-talb privat*).

### Għajnuna lill-Missjoni

Dawn huma l-aħħar ġranet li għandna magħna lill-missjunarju tagħna Dun Raymond Portelli. Filwaqt li nawgurawlu l-vjaġġ it-tajjeb huwa u jirritorna għall-ħidma tiegħu fost il-fqar u dawk li qed ibatu 'l bogħod minn xtutna, ejjew nitolbu ħafna għalih sabiex il-Mulej ikompli jagħtih is-saħħa u l-barka f'ħidmietu kollha. U bħala komunità xtaqna wkoll ngħinuh, kif konna għamilna anki ma' Dun Mario Cassar meta l-aħħar li kien magħna, għalhekk il-ġabra ta' matul il-Quddies ta' dan il-Ħadd ser tmur għall-missjoni tiegħu fil-Perù.

### Karità tal-Papa

Wara li bħala poplu Malti ċċelebrajna l-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl nhar l-10 ta' Frar, nhar it-22 ta' Frar, flimkien mal-Knisja Kattolika ser niċċelebraw il-festa tal-Katedra ta' San Pietru, li tfakkarna fl-awtorità tat-tagħlim tas-sede Rumana, li tippresjedi fuq il-knejjes kollha fil-karità. Din il-festa tgħin u tistieden lill-poplu Nisrani li hu mxerred mad-dinja kollha sabiex jiċċelebra l-għaqda tal-Insara u l-komunjoni tal-Knisja li tinġabar mal-figura tal-Papa, l-isqof ta' Ruma, is-Suċċessur ta' Pietru, il-blata li fuqu Kristu bena l-Knisja tiegħu.

Hu għalhekk li qrib din id-data ssir ukoll il-ġabra tal-Obolo ta' San Pietru li hija dik l-għajnuna finanzjarja offruta mill-Kattoliċi lill-Papa bħala sinjal tas-sehem tagħhom fit-tħassib tiegħu għall-ħafna bżonnijiet differenti tal-Knisja Universali u għall-għajnuna tal-karità lill-persuni l-aktar fil-bżonn f'kull rokna tad-dinja.

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am